**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawza Nru: 7/08**

**Illum: 27 ta' Settembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Dominic Giannakoudakis**
**ID 366507(L)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dominic Giannakoudakis ta' 18-il sena, bin Andrea u Marcel nee` Cutajar, imwieled il-Grecja nhar it-3 ta' Novembru 1986 u residenti St. Joseph Court, Flat B1, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` numru 366507(L);

Akkuzat talli matul ix-xahar ta' April 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

a) Biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li mhux ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' April 2005, ghall-habta tas-12.45 a.m., PS 1428 Jesmond Delia u PS 100 Terence Azzopardi, dak iz-zmien stazzjonati gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, waqqfu gewwa Marsaskala, seba' zghazagh, ossia lil Daryl Zerafa, Albert Harmer, Geoffrey Busuttil, Luke Spagnol, David Scicluna, Daniel Azzopardi u l-imputat odjern li, skont huma, kienu qeghdin jagixxu b'mod suspettuz. Meta marru fuqhom, PS 1428 innota lill-imputat odjern jitfa' xi haga fil-bahar, li wara rrizulta li kien pakkett tas-sigaretti tal-marka *Rothmans Red*, liema pakkett ingabar mill-bahar u kien jikkontjeni sustanza kannella suspettata raza tal-*cannabis*. Gie nnutat ukoll kontenitur tal-plastik f'wicc il-bahar. Dan gie wkoll migbur u fih instabet sustanza suspettata raza tal-*cannabis*. Waqt tfittxija li saret fuq Albert Harmer, fil-but tal-qalziet tieghu nstab kontenitur identiku ghal dak li kien instab fil-bahar. In oltre minn tfittxija li saret fuq Daryl Zerafa, instabet ukoll, fil-but tal-qalziet tieghu, sustanza suspettata raza tal-*cannabis*. Iz-zghazagh gew arrestati.[1]

L-imputat odjern irrilaxxja stqarrija fl-24 ta' April 2005.[2]

Matul ix-xhieda tieghu, l-Ispettur Dennis Theuma esebixxa Dok. DT 1 konsistenti f'*lighter*, pakkett tas-sigaretti u bicca sustanza kannella suspettata raza tal-

[1] Ara x-xhieda tal-Maggur 1428 Jesmond Delia (a fol. 51 sa 53 tal-process); ix-xhieda ta' PS 100 Terence Azzopardi (a fol. 44 sa 46 tal-process) u l-okkorrenza esebita a fol. 47 sa 50 tal-process.
[2] Din tinsab esebita a fol. 8 sa 12 tal-process.

*cannabis*, liema oggetti gew elevati mill-bahar minn PS 1428 u PS 100. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, PS 1428 gharaf dan l-esebit bhala dak li kien gie mormi l-bahar mill-imputat odjern. L-Ispettur Theuma esebixxa wkoll Dok. DT 2, konsistenti f'*foil*, sikkina u xi affarijiet ohrajn relatati, li skont hu, gew misjuba fir-residenza tal-imputat minn PS 114 Persiano u PS 579 Micallef, li baqghu ma xehdux f'dawn il-proceduri.[3]

Albert Harmer, David Scicluna u Luke Spagnol ilkoll irilaxxjaw stqarrijiet lill-pulizija, liema stqarrijiet huma kkonfermawhom bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[4] L-istess Harmer, Scicluna u Spagnol xehdu wkoll f'dawn il-proceduri. Fix-xhieda taghha, l-ex Spettur Nadia Lanzon tghid illi hija kellmet lil Daryl Zerafa li sostna illi huwa kien xtara r-raza li nstabet fil-pussess tieghu minghand l-imputat.[5] Biss Zerafa ma xehedx f'dawn il-proceduri u allura dak li qal Zerafa waqt l-interrogatorju tieghu ma jaghmilx prova fil-konfront tal-imputat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-23 ta' April 2005, David Scicluna jghid illi kultant ipejjep ir-raza tal-*cannabis* u li l-izjed li kien jixtri r-raza kien minghand Dominic. Jghid illi minghandu xtara xi darbtejn ossia bicca tal-hamsa kull darba u li din kienet isservih xahar. Jghid ukoll illi dan l-ahhar ma xtarax izjed ghax iddecieda li jieqaf. Jghid in oltre illi huwa qatt ma ra lil Dominic ibiegh lil haddiehor.[6] Fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Scicluna jghid illi Dominic huwa l-istess persuna li kien mieghu meta twaqqaf mill-pulizija fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' April 2005.[7] F'dawn il-proceduri[8], imbaghad, Scicluna jghid illi huwa jaf lill-imputat ghax gieli kienu jkunu flimkien, li fis-sena 2005 twaqqfu mill-pulizija gewwa Wied il-Ghajn u li dakinhar kienet instabet xi raza ghalkemm jghid illi ma jafx fejn instabet. Mistoqsi minn fejn kien igib ir-raza li kien jaghmel uzu minnha dak iz-zmien, jghid illi ma jiftakarx. Wara jghid illi r-raza li kellu dakinhar (u fil-fatt mill-provi prodotti ma jirrizulta illi dakinhar huwa nstab fil-pussess tar-raza) ma jafx ezatt minn fejn gabha, izda wara li giet moqrija lilu l-istqarrija rilaxxjata minnu fit-23 ta' April 2005, huwa kkonferma l-kontenut taghha u indika lill-imputat odjern bhala l-istess Dominic li ghalih jaghmel referenza fl-istqarrija tieghu.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-23 ta' April 2005, Albert Harmer jghid illi xi kultant ipejjep l-i*smoke*, jikkonferma li dak il-lejl il-pulizija waqqfu lilu u lil shabu

---

[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma (a fol. 6 u 7 tal-process).
[4] Ara l-process verbal esebit a fol. 15 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-ex Spettur Nadia Lanzon, a fol. 16 sa 18 tal-process.
[6] Ara din l-istqarrija a fol. 12 sa 14 tal-process verbal.
[7] Ara a fol. 5 tal-process verbal.
[8] A fol. 20 sa 25 tal-process. Din ix-xhieda nghatat fit-2 ta' Dicembru 2008.

f'Wied il-Ghajn u jghid illi kienu sebgha b'kollox ossia hu, Dominic, Geoffrey, David, Luke, Daniel u Daryl. Jghid ukoll illi x'hin ra lill-pulizija qabad l-affarijiet li kellu jigifieri l-blokka tar-raza tal-*cannabis* li kienet f'*container* tal-plastik tal-*bearings*, flimkien mal-lubretti u remihom il-bahar. Jikkonferma li dan instab mill-pulizija u jghid illi kien jaf ukoll illi fil-bahar, il-pulizija sabu pakkett tas-sigaretti li kien fih sigaretti u bicca blokka, izda ma jafx ta' min kienu, ghalkemm sema' lill-pulizija jghid li kien ra lil Dominic jarmi dan il-pakkett fil-bahar. Fir-rigward tar-raza li nstabet u li kienet tieghu, huwa jghid illi din xtraha minghand Dominic nhar il-Gimgha tal-gimgha ta' qabel bil-prezz ta' Lm5. Jghid illi kien ilu jpejjep l-i*smoke* forsi tliet xhur, li ma jpejjipx ta' spiss u ghalhekk bicca tal-Lm5 isservih madwar tliet gimghat. Jghid ukoll illi minghand Dominic forsi xtara erba' darbiet u jghid illi huwa dejjem minghandu xtara. Kien sema' li Dominic beda jbiegh u ghalhekk beda jixtri minghandu. Jghid ukoll illi meta kien ikun mieghu qatt ma rah ibiegh lil haddiehor.[9] Nhar l-24 ta' April 2005, quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Harmer ikkonferma li l-istqarrija li nqratlu kienet l-istqarrija li rrilaxxja fil-jum ta' qabel. Jippreciza illi Dominic qatt ma qallu li kien jixtri u jbiegh id-droga, izda kien cert li Dominic kien jixtri d-droga ghalih u "*forsi gieli gab ghal shabu wkoll u meta ridt nixtri l-ismoke kont tlabt lilu biex igibli*".[10] Jghid ukoll illi Dominic huwa l-istess persuna li kien mieghu meta marru fuqhom il-pulizija nhar it-22 ta' April 2005.

F'dawn il-proceduri, Harmer xehed darbtejn, darba bhala xhud tal-Prosekuzzjoni[11] u darb'ohra bhala xhud in difeza.[12] Fl-ewwel xhieda tieghu, huwa jghid illi fil-jum in kwistjoni, meta twaqqfu mill-pulizija gewwa Wied il-Ghajn, instabu tliet bicciet raza tal-*cannabis*, wahda fuq Daryl u t-tnejn l-ohra fil-bahar – wahda f'pakkett tas-sigaretti u l-ohra f'kaxxa tal-plastik. Jghid illi lilu sabulu bicca raza u mistoqsi jghid minn fejn gabha, huwa jixhed illi huwa kien jaf li Dominic kien ipejjep, avvicinah u talbu biex isiblu xi haga ghalih ghax xtaq jixtri bicca raza, talbu biex jaghmillu pjacir, tah il-flus minn qabel u Dominic qallu li meta jkun ser jirranga ghalih, jahseb fih (fix-xhud) ukoll. Ghadda z-zmien u tahielu u peress illi ma kienx ipejjep hafna, kienet ghadha fuqu fil-but dakinhar li hargu u marru fuqhom il-pulizija. Wara jghid illi Dominic kien tahielu dik il-gimgha li nqabdu mill-pulizija. Meta nqratlu l-istqarrija li kien irilaxxja lill-pulizija, huwa kkonferma li kien jiftakar dan kollu u indika lill-imputat bhala l-persuna li minghandu kien xtara r-raza.

[9] A fol. 15 u 16 tal-process verbal.
[10] Ara a fol. 6 tal-process verbal.
[11] A fol. 26 sa 31 tal-process. Din ix-xhieda nghatat fit-2 ta' Dicembru 2008.
[12] A fol. 139 sa 148 tal-process. Din ix-xhieda nghatat fl-1 ta' Lulju 2015.

Fit-tieni xhieda tieghu, Harmer jghid illi kien ilu jaf lill-imputat xi sena qabel sehh il-kaz u li kien jafu minn Wied il-Ghajn ghaliex kienu jkunu flimkien fis-Sajf. Jghid illi dakinhar huwa kellu d-droga ossia r-raza tieghu u li zewg persuni ohra kellhom id-droga taghhom. Dwar ir-raza tieghu, jghid illi huwa kien talab lil Dominic (l-imputat odjern) sabiex jixtrilu ghax ma kienx jaf minn fejn isib jixtri u dan ghaliex kien jaf li Dominic kien ikollu. Jghid ukoll illi huwa (x-xhud) kien jaghti l-flus lill-imputat minn qabel u kien jghidlu "*meta tkun sejjer tixtri ghalik ahseb fija u gibli bicca ghalija*".[13] Jghid illi dakinhar tal-kaz ma kellux bicca kbira fuqu, li ma jidhirlux li l-imputat kien tahielu dakinhar, izda tahielu qabel u hadha mieghu sabiex ipejjep minnha. Fil-klikka kienu jkunu gieli ghaxra u gieli inqas, kienu jiltaqghu, jitkellmu u jpejjpu l-haxixa, li mhux dejjem kien ikun hemm kulhadd, gieli kienu jkunu biss l-imputat u hu u gieli tlieta jew erbgha. Jghid illi wahdu ma kienx ipejjep raza, li kienu jpejjpu flimkien u li kulhadd kien jaqsam mal-ohrajn. Gieli jaghmel *joint* wiehed minnhom u jdawwru mal-ohrajn u gieli jaghmel *joint* haddiehor u jaghmel l-istess. Meta kienu jiltaqghu dejjem kienu jaghmlu hekk u la kien ikun ma' shabu kien ipejjep u joffri, kif kienu jaghmlu huma wkoll. Min ikollu r-raza kien jaghmel *joint* u jaqsmuh. In kontro-ezami, jghid illi fil-maggor parti kienu jkunu l-istess hbieb u li hafna drabi kien ikun prezenti l-imputat. Jghid illi l-imputat ma pprovdielux ir-raza darba biss, ghalkemm mhux hafna drabi, izda ma kienx jiftakar fic-cert kemm il-darba. Jghid illi meta kien ipejjep il-haxixa, kien jaghmel dan ma' din il-klikka biss.

Luke Spagnol ukoll irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fit-23 ta' April 2005, u apparti li jispjega x'gara dakinhar tal-arrest tieghu u ta' shabu, jghid illi huwa qatt ma kien jixtri raza ghaliex gieli kien jiehu nifs minghand shabu. Jghid ukoll illi huwa qatt ma ra lil Dominic ibiegh *smoke*, izda jaf li kien igib ghalih u ghal shabu (ta' Dominic) u dan kien jafu ghaliex kien jisma' lil dawn shabu ossia l-klikka li kienu flimkien dakinhar tal-incident in kwistjoni, jitkellmu.[14] Jghid ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-24 ta' April 2005 illi minghand Dominic (kunjomu Giannakoudakis) huwa qatt ma ha *cannabis*.[15]

F'dawn il-proceduri[16], Spagnol jghid illi huwa ma jiftakarx ghand min kienet ir-raza tal-*cannabis* dak in-nhar li twaqqfu mill-pulizija, li ghandu ma kinitx u meta nqratlu l-istqarrija li huwa kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa jghid illi Dominic li jirreferi ghalih fl-istqarrija huwa l-imputat u jghid illi qatt ma rah jaghti xi haga lil xi hadd.

---

[13] A fol. 141 tal-process.
[14] Ara l-istqarrija a fol. 17 sa 19 tal-process.
[15] Ara a fol. 7 u 8 tal-process verbal.
[16] A fol. 36 sa 40 tal-process.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[17] Jghid illi fil-jum in kwistjoni, kien qieghed ma' shabu – kienu sebgha b'kollox – faccata tal-knisja ta' Marsaskala, fejn is-*slipway* u kienu qeghdin ipejjpu *joint*. Jghid illi x'hin ghajjtulhom il-pulizija, rmew kollox il-bahar. L-i*smoke* li kellhom dakinhar kien gabha hu u ha minnha kulhadd. Kienu diga` bdew ipejjpu meta waslu l-pulizija. Jghid illi l-i*smoke* kienet tieghu, li kienu jiltaqghu u jpejjpu flimkien u li kien xtraha hu bi flusu. Wara li nqratlu parti mill-istqarrija rilaxxjata minnu mill-avukat difensur, l-imputat jghid illi nstabet bicca raza fuq Daryl u bicca ohra nstabet fil-bahar. Jghid illi lilu sabulu l-pakkett tas-sigaretti fil-bahar, liema pakkett kien fih il-bicca raza tieghu u li huwa kien gab ir-raza li nstabet fuq l-ohrajn. Dwar il-bicca li huwa kien gab lil Daryl, huwa jghid illi kienu ser ipejjpuha flimkien dakinhar. Jispjega illi huwa kien gab bicca, qasmuha ghax hallasha hu u kienu ser ipejjpuha dakinhar. Il-bicca li gab ghal Daryl kienu ser ipejjpuha lkoll bejniethom fl-istess lejl. Jghid hekk "*Jien kont nixtrieha sewwa u imbaghad mhux ser inhallasha jien u kienu jaghtuni l-flus taghha. Ghax jien kont naf lil dan il-persuna u kont immur nixtriha u kont ezempju, jekk xtrajtha Lm15 dak iz-zmien, konna naqsmuha bejn tlieta*".[18] Jghid ukoll illi kienu jhallsuh, "*mhux ser inhallasha jien hux*"[19], ghalkemm ma jiftakarx jekk dakinhar kienux hallsuh diga`. L-imputat jikkonferma dik il-parti tal-istqarrija tieghu fejn jghid illi "*Jien ghamiltilhom pjacir, cioe` li gibtilhom il-bicca imma jien ma nbieghx rezina tal-cannabis*"[20]. Dwar dan ippreciza illi huwa vera hadilhom il-*cannabis*, izda qatt ma tawh flus minn qabel u qatt ma biegh. Dejjem gab ghal shabu u pejjpu flimkien. Jerga' jghid b'referenza ghall-istqarrija tieghu illi huwa kien jixtri bicca u jaqsamha, imbaghad igerbibha fil-*foil* u jaghtihielhom u jhallsuh taghha. Jghid illi dan ma garax hafna drabi, izda fid-drabi li gara dan, id-droga pejjpuha flimkien. Jghid illi qatt ma ha droga ghall-persuni li ma kinux fil-klikka. B'referenza ghall-parti tal-istqarrija tieghu fejn huwa jghid illi "*Jien kont ingib bicca ta' thirty cioe ta' tletin lira u mbaghad din jien kont naqtaghha fi tlieta u tajtha lil dawn zewg shabi u dan jien kont naghmlu bhala pjacir u mhux biex naqla l-flus*", u mistoqsi x'ghamel meta gab il-bicca ta' tletin, huwa jghid illi qasamha u taha lil shabu ossia lil Daryl u lil Albert. Jghid illi dan sehh dakinhar li nqabdu mill-pulizija, li ltaqghu u pejjpu. Kellu bicca hu, kellhu bicca ohra Albert u bicca Daryl u din kienet il-bicca ta' tletin li kien xtara u l-hsieb kien li jpejjpu kollox flimkien, ghaliex kienu grupp. Skont hu, bicca ta' tletin kienu jikkunsmawha f'lejl. Dwar parti ohra fl-istqarrija tieghu, fejn jikkonferma illi l-bicctejn li nstabu ghand Albert u Daryl, kien tahomlhom hu l-

[17] A fol. 111 sa 148 tal-process.
[18] A fol. 120 tal-process.
[19] A fol. 120 tal-process.
[20] Ara a fol. 121 tal-process.

gimgha ta' qabel, huwa jikkonferma li tahielhom gimgha qabel u jghid illi jista' jkun li gabuha maghhom dakinhar tal-arrest taghhom, izda ma ftakarx ghax ghadda z-zmien. Jghid illi jista' jkun li jkun tahom ir-raza, telqu biha u mbaghad gabuha maghhom il-gimgha ta' wara biex ikomplu jpejjpu flimkien ghax ma jkunux ikkunsmaw kollox f'lejl wiehed. In kontro-ezami, l-imputat jikkonferma li huwa kien jipprovdi r-raza lil shabu u ma kienx jaghmel qliegh minn dan, li gieli pejjpu kollox dak il-hin u gieli komplew ipejjpu darb'ohra. Jghid illi lil shabu provdielhom droga izjed minn darba jew darbtejn u li kien ilu jpejjep sitt xhur.

Apparti x-xhieda li saret referenza ghaliha izjed 'il fuq, jirrizulta mill-atti illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2010, id-difiza ddikjarat illi minghajr pregudizzju, kienet qeghda tikkoncedi illi d-droga prezentata hija raza tal-*cannabis* u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jinhatar espert. Huwa car li hawnhekk id-difiza kienet qeghda tirreferi ghas-sustanza li nstabet fil-pakkett tas-sigaretti ghaliex apparti xi frak li gew esebiti bhala parti minn Dok. DT2, ma kien hemm l-ebda sustanza ohra esebita hlief is-sustanza f'Dok. DT1. Mill-atti madankollu jirrizulta wkoll illi f'seduta sussegwenti tal-4 ta' Mejju 2011, il-Prosekuzzjoni xorta wahda (x'aktarx bi zvista) talbet illi jinhatar espert sabiex janalizza s-sustanza esebita fl-atti u fl-istess waqt, fuq talba tad-difiza, l-inkarigu tal-espert gie estiz fis-sens illi kellu janalizza wkoll l-kontenut tal-pakkett tas-sigaretti u jiccertifika jekk dan kienx gie sommers fl-ilma bahar jew le.

Jirrizulta mill-atti wkoll illi l-Ispizjar Mario Mifsud m'analizzax Dokument DT1, konsistenti fil-pakkett tas-sigaretti bis-sustanza, izda analizza minflok Dokument DT2, li kien jikkontjeni pakkett tal-*foil* uzat, li fih kien hemm zewgt iskieken tal-metall mahruqa, kaxxa tas-sulfarini li kien fiha erba' bicciet ta' speci kartun zghar ikkuluriti, bicca karta zghira ta' lewn abjad irrumblata u farka zghira hafna ta' sustanza ta' lewn kannella. Dwar dawn, l-espert jikkonkludi illi a) ma nstabux tracci ta' ilma bahar fuq il-kaxxa tas-sulfarini u b) li ma nstabux tracci ta' sustanzi llegali fuq iz-zewg skieken u lanqas go farka zghira hafna ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fil-kaxxa tas-sulfarini.

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2012, gie vverbalizzat illi l-espert ma kienx inghata l-pakkett tas-sigaretti kontenenti s-sustanza sabiex janalizza l-istess ghall-presenza ta' tracci ta' melh tal-bahar. Stante li sussegwentement, l-Ispizjar Mifsud irrinunzja ghal dan l-inkarigu, il-Qorti hatret lil Profs. Patrick Schembri sabiex janalizza l-esebit ghal tracci ta' ilma bahar. Fir-rapport tieghu, wara li jindika illi huwa nghata ghall-analizi tieghu, pakkett tas-sigaretti tal-marka *Rothmans* li fih kien hemm sigarett wiehed, *lighter* tas-sigaretti u pedina rettangolari ta' kulur kannella skur maghmula minn sustanza iebsa, huwa kkonkluda illi l-analizi li

ghamel turi li l-pakkett tas-sigaretti gie f'kuntatt ma' ilma bil-melh li seta' kien ilma bahar.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti qedgha taghmilha cara illi m'hijiex qeghda tirreferi ghall-istqarrija tal-imputat, stante li din ittehditlu fiz-zmien meta huwa ma kellux id-dritt li jinghata parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, hlief ghal dawk il-partijiet riprodotti izjed il' fuq, illi huwa ghazel li jikkonfermahom fix-xhieda tieghu, wara li l-avukat difensur ghamlitlu referenza ghalihom.

Minn dak illi nghad izjed 'il fuq, jirrizulta illi effettivament baqghet ma saritx analizi fuq is-sustanza misjuba fil-pakkett tas-sigaretti *Rothmans* li gie migbur mill-bahar. Biss apparti l-verbal tad-difiza illi ddikjarat li kienet qeghda tikkoncedi illi s-sustanza kienet raza tal-*cannabis*, m'hemmx dubju illi din is-sustanza kienet tali u li l-pakkett tas-sigaretti kontenenti l-istess sustanza kien fil-pussess tal-imputat odjern. Dan qed jinghad ghaliex PS 1428 jghid illi huwa ra lill-imputat iwaddab fil-bahar dak li wara rrizulta kien il-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni u li f'dan il-pakkett, hekk kif migbur mill-bahar, instabet bicca sustanza suspettata raza tal-*cannabis*. In oltre l-imputat stess jixhed illi l-pakkett tas-sigaretti tieghu nstab fil-bahar u li dan il-pakkett kien fih il-bicca raza li kienet tappartjeni lilu. Mix-xhieda tieghu fil-fatt m'hemmx dubju illi huwa qed jirreferi ghar-raza tal-*cannabis*. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess imputat illi huwa kien ilu jpejjep ir-raza tal-*cannabis* sitt xhur u ghalhekk l-imputazzjoni (b) tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat qed jigi akkuzat fl-ewwel lok bil-bejgh u t-traffikar tar-raza tal-*cannabis*. Dwar dan il-Qorti tibda biex tghid illi ghalkemm din l-imputazzjoni taqra hekk: "*Biegh jew xort'ohra traffika <u>fil-pjanta</u> mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta…*" (sottolinear tal-Qorti), huwa car illi hawnhekk il-Prosekuzzjoni qeghda tirreferi mhux ghall-pjanta tal-*cannabis*, izda ghar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*. Dan ghaliex fl-ewwel lok, l-istess imputazzjoni tinkludi l-kliem adoperati mil-ligi stess fl-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 (u anke fl-Artikolu 8(a) tal-istess Kapitolu) u cioe` "*xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi <u>din ir-raza</u>*" (sottolinear tal-Qorti), liema artikolu jirreferi ghar-raza u mhux ghall-pjanta tal-*cannabis* u fl-istess waqt l-imputazzjoni tindika wkoll l-imsemmi Artikolu 8(b). Dan apparti li l-kliem "*fil-pjanta mehuda mill-pjanta cannabis*" fih inniffsu ma jaghmilx sens u huwa evidentement zbaljat. Kieku l-Prosekuzzjoni riedet tirreferi ghall-pjanta tal-

*cannabis* minflok ghar-raza tal-*cannabis*, kienet tadopera kliem iehor li jintuza fl-Artikoli 8(d) u 8(e) tal-Kap. 101. M'hemmx dubju ghalhekk illi l-ewwel parti tal-imputazzjoni (a) tirreferi ghat-traffikar tar-raza tal-*cannabis*.

Id-difiza tissottometti f'dan ir-rigward illi ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fis-sens illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*. Id-difiza ssosnti illi l-imputat u shabu kienu gabu din il-bicca raza bejniethom, li l-imputat kien ghadu ma thallasx taghha, qasmuha bejniethom u kulhadd ha l-bicca tieghu biex imbaghad, tigi kkunsmata minnhom flimkien. Allura, tghid id-difiza, la darba l-imputat gab id-droga biex tigi kkunsmatha minnhom flimkien, fl-istess post u fl-istess hin, dan jikkostitwixxi traffikar *by sharing*.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-difiza u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, deciza fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi tac-cirkostanza ta' *sharing* kif ikkontemplat fl-ewwel proviso tas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet hekk:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-suabrtikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga* <u>*intiza ghalih*</u> *jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor* <u>*f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess*</u>*. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*" (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Din kienet ukoll l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Omissis**</u>, deciza fid-19 ta' Novembru 2015, fejn f'dak il-kaz, l-appellant kien xtara ghaxar pilloli *ecstasy* ghal shabu, sabiex jikkunsmawhom gewwa *party*. B'referenza ghall-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, li jadopera l-istess kliem tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101, il-Qorti qalet hekk:

"*Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb preordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "the offender intended to consume the drug on the spot with others." Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn il-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi.*

*Issa l-appellanti ighid hekk fl-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine u emmnuta mill-Ewwel Qorti u dan meta mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-11-il pillola u nofs li instabu fuqu mill-pulizija:*

"*Dawk jiena kont ghadni kif mort nixtrihom ghalija u ghal shabi ghal street party li kien hemm Bugibba.*"

*Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet* ***Il-Pulizija v. Russell Bugeja*** *u* ***Il-Pulizija v. Marco Galea****, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata."*

Huwa car mill-provi prodotti u mix-xhieda tal-imputat illi l-istess imputat kien jipprovdi r-raza tal-*cannabis* lil shabu. Huwa jsemmi lil Daryl (Zerafa) u lil Albert (Harmer), li t-tnejn instabu fil-pussess tar-raza tal-*cannabis* fil-jum in kwistjoni. Skont l-imputat u anke skont Harmer fl-ahhar xhieda tieghu (bhala xhud in difeza), huma kienu jpejjpu r-raza tal-*cannabis* flimkien, bhala grupp u kulhadd kien jaqsam minn dak li jkollu. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha temmen illi l-imputat kien ikun dejjem prezenti meta shabu jpejjpu l-*cannabis* li kien jipprovdilhom, huwa car kemm mix-xhieda tal-imputat, kif ukoll ta' Harmer illi l-imputat ma kienx jipprovdi lil shabu mid-droga tieghu jew mid-droga li kienet tkun intiza ghalih u jieqaf hemm, ghalkemm huwa kien ukoll joffri mid-droga li kien ikollu hu meta kienu jiltaqghu, kif kienu jaghmlu wkoll l-ohrajn (skont l-imputat u Harmer). Huwa kien jixtri d-droga biex minnha jzomm ghalih u jaghti wkoll lil shabu, u fil-fatt kien jaqsamha f'bicciet, izomm parti ghalih, u l-bicciet l-ohrajn igerbibhom fil-*foil* u jaghtihom lil shabu <u>li kienu jhallsuh ta' sehemhom minnha</u>. Anzi skont Harmer, huwa kien ihallas lill-imputat ghal sehmu minn

qabel, ghalkemm fil-fehma tal-Qorti, il-mument tal-hlas mhuwiex tant relevanti, la darba jirrizulta li kien hemm il-hlas. Dan kollu jfisser illi d-droga ma kinitx tkun intiza ghall-imputat biss, izda *a priori* kienet tkun intiza ghal shabu wkoll u shabu kienu jakkwistaw ir-raza minghandu billi jhallsuh taghha. Il-fatt li l-imputat ma kienx jaghmel qliegh minn dan il-bejgh ma jnaqqas xejn mir-reat ta' traffikar. Lanqas il-fatt illi sussegwentement, shabu kienu jaqsmu d-droga li jkun ipprovdilhom l-imputat, bejniethom, inkluz mal-imputat, fl-istess post u fl-istess hin, ma jinkwadra r-reat f'wiehed ta' traffikar *by sharing.* Tant id-droga kienet issir proprjeta` ta' min ikun akkwistaha (u ghalhekk ma tibqax tal-imputat) illi apparti li dawn kienu jhallsu lill-imputat ghal sehemhom mid-droga, kemm Daryl Zerafa, kif ukoll Harmer instabu fil-pussess tar-raza tal-*cannabis* u Harmer stess jiddeskrivi dak li nstablu bhala l-bicca tieghu, apparti li kemm l-imputat kif ukoll Harmer jghidu illi r-raza li nstabet fil-pussess ta' Harmer kienet giet provduta lilu mill-imputat xi gimgha qabel, li l-istess Harmer zammha u mbaghad rega' hadha mieghu meta ltaqghu, biex ikompli jpejjep minnha, flimkien ma' shabu. Il-fatt li kienu jiltaqghu u jaqsmu r-raza bejniethom ma jfissirx illi l-imputat ghandu jinstab hati biss ta' traffikar *by sharing*, fir-rigward ta' dik ir-raza li nstabet fil-pussess ta' Zerafa u Harmer, u dan ghaliex ma kienx il-kaz li din kienet id-droga tieghu, intiza ghalih u li huwa qasam mid-droga li kellu ghalih, maghhom, izda huwa kien jipprovdilhom id-droga u huma kienu jhallsuh taghha. Id-droga kienet tkun intiza ghal Harmer u ghal Zerafa, li zgur fil-kaz ta' Harmer, kien jiddeciedi huwa stess, li jaqsamha mal-bqija tal-grupp, inkluz mal-imputat, fil-mument li jkun qieghed jikkunsmaha huwa stess. *Semmai* f'dawn ic-cirkostanzi r-reat ta' traffikar *by sharing* kien jinkwadra fl-azzjoni ta' Harmer u Zerafa (kemm il-darba huwa wkoll kien jaqsam mid-droga tieghu ma' shabu, kif jghidu l-imputat u Harmer, ghaliex Zerafa baqa' ma xhedx f'dawn il-proceduri), izda mhux fl-azzjoni tal-imputat li kien iforni lil Harmer u lil Zerafa b'din id-droga. Fil-fehma tal-Qorti tezisti distinzjoni cara bejn dawn ic-cirkostanzi appena msemmija u dawk fejn l-imputat kien joffri mir-raza tieghu stess lil shabu, membri l-ohrajn tal-grupp, fejn allura kien jinkwadra r-reat ta' *trafficking by sharing* da parti tal-imputat. Dan apparti illi anke David Scicluna – membru iehor fl-istess klikka – ukoll jghid fl-istqarrija tieghu, sussegwentement ikkonfermata minnu bil-gurament – illi huwa xtara r-raza minghand l-imputat f'xi zewg okkazzjonijiet, kull darba bicca ta' Lm5. Ghalkemm Scicluna ma jghidx meta xtara din ir-raza, izda jghid biss li dan l-ahhar kien iddecieda li jieqaf, l-imputat jghid fix-xhieda tieghu illi huwa kien ilu juza r-raza xi sitt xhur u ghalhekk m'hemm xejn x'jaghti lill-Qorti x'tifhem illi huwa kien jipprovdi r-raza lil shabu qabel dan iz-zmien, izda anzi l-provi juru xort'ohra.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni ta' bejgh u traffikar tar-raza tal-*cannabis* giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi u li dan it-traffikar da parti tal-

imputat ma kienx tali li jinkwadra ruhu fil-parametri ta' traffikar *by sharing* ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat qed jigi akkuzat ukoll bil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis* u dan b'referenza ghall-istess zmien. Issa f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi din il-parti tal-imputazzjoni ma giex redatta b'mod felici ghaliex filwaqt illi l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis*, fl-istess waqt l-imputazzjoni tkompli bil-kliem "*liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li mhux ghal uzu esklussiv tieghu*". La darba r-raza tigi traffikata u mibjugha, kif sehh f'dan il-kaz, dan naturalment jimplika illi dik ir-raza ma tibqax fil-pussess tal-bejjiegh taghha, f'dan il-kaz l-imputat odjern. L-unika droga li nstabet u li tista' tigi mputata bhala droga fil-pussess tal-imputat kienet dik li nstabet fil-pakkett tas-sigaretti, li l-imputat rema fil-bahar u ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-parti tal-imputazzjoni (a) tirreferi necessarjament ghal din id-droga. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi ghalkemm din ir-raza kienet tieghu, hu kien jaqsam minnha ma' shabu u li huma kienu jpejjpu minn ta' xulxin, inkluz minn tieghu, fl-istess post u fl-istess hin. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2015, citata izjed 'il fuq, il-mitigazzjoni fil-piena taht il-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta hija estiza wkoll ghar-reat tal-pussess aggravat u dan huwa car mid-dicitura tal-imsemmi proviso li jitkellem dwar "*jekk il-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn*". Ghar-rigward ta' din il-parti tal-imputazzjoni (a) ghalhekk il-Qorti qed tqis illi gie ppruvat il-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis* da parti tal-imputat, b'dan illi dan qed jigi meqjus aggravat biss fil-parametri ta' *sharing*.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali aggornata tal-imputat.

Qed tqis ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat li jgib id-data tas-7 ta' Jannar 2011.[21] Jirrizulta minn dan ir-rapport illi ghalkemm l-imputat ghamel zmien jabbuza minn sustanzi illeciti, huwa fittex l-ghajnuna u ghamel progress kbir fir-rijabilitazzjoni tieghu. L-imputat dejjem fittex li jahdem u fiz-zmien tar-rapport, kien ilu fl-istess impjieg ghal perjodu ta' tliet snin. Minn ittra ffirmatha mill-*key worker* tieghu fi hdan l-Agenzija Caritas u datata 11 ta' Novemru 2011, jirrizulta wkoll illi huwa dahal fil-programm ta' San Blas f'April 2011, li kien ghamel progress kbir u kien fadallu tliet xhur fil-fazi residenzjali

[21] Esebit a fol. 61 tal-process.

gewwa dan il-programm, wara liema kien mistenni li jibda jahdem.[22] Skont rapport iehor, esebit mid-difiza u ffirmat minn Santina Camilleri, *Head* tal-*Evening New Hope Programme*, l-imputat gradwa mill-programm f'Gunju 2012, kien ghadu f'kuntatt mal-Agenzija u kien qed jghix hajja stabbli.[23] Regghet xehdet ukoll l-Ufficjal tal-*Probation*, Carmen Nygaard[24], li tghid illi fi Frar 2011, l-imputat kellu *relapse* u kien rega' tressaq il-Qorti, fejn inghata sentenza ta' prigunerija sospiza. Dahal fi programm u gradwa minnu, kif inghad izjed 'il fuq. Apparti li kien izomm dejjem l-appuntamenti maghha, kien izomm appuntamenti wkoll mal-Agenzija Caritas anke wara li gradwa u kien ihalli kampjuni tal-urina li kienu negattivi ghal sustanzi illeciti. L-ahhar kampjun li haditlu hi kien fi Frar 2015. Sa dakinhar tax-xhieda taghha (f'Ottubru 2015) kien ghadu f'kuntatt mal-Caritas. Ix-xhud kellha kliem ta' tifhir ghall-imputat u tghid illi huwa guvni biezel u ezemplari. Minn rapport iehor iffirmat minn Santina Camilleri u datat 18 ta' April 2016, jirrizulta illi l-imputat kien ilu hieles minn sustanzi illeciti ghall-perjodu ta' hames snin u li l-hajja tieghu baqghet wahda stabbli.[25]

Tqis ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fir-Registru tal-Qorti f'Jannar 2008 u bdiet tinstema' f'Dicembru tal-istess sena. Ghalkemm kien hemm xi erba' seduti fejn fil-kawza ma sar xejn ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat, jew ghaliex ma deherx minkejja li kien notifikat, jew inkella ghaliex talab differiment hu jew l-avukati difensuri tieghu, biss apparti li l-kawza bdiet tliet snin wara li sehh il-kaz, kien hemm differimenti ohrajn li ma kinux imputabbli lill-imputat. Ghaldaqstant, ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis ukoll it-trapass taz-zmien.

Tqis ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u illi ghalkemm l-imputat kien provda r-raza tal-*cannabis* lil shabu (xi erba' darbiet lil Harmer, skont l-istess Harmer u darbtejn lil Scicluna, skont l-istess Scicluna, apparti r-raza li nstabet fuq Zerafa u li l-imputat jammetti li kien provdiha hu), ma jirrizultax li huwa kien jaghmel dan b'xi qliegh, izda pjuttost sabiex jaghmel pjacir lil shabu, li kienu jitolbuh ir-raza. Naturalment, dan ma jnaqqas xejn mir-reat ta' traffikar, biss il-Qorti tqis illi dawn ic-cirkostanzi ghandhom jinghataw id-debita kunsiderazzjoni wkoll ghal fini ta' piena.

Tqis ukoll illi fil-waqt illi f'dan il-kaz, sfortunatament il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief illi timponi piena ta' prigunerija, fir-rigward tat-tieni parti tal-imputazzjoni (a), bl-applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101,

[22] A fol. 63 tal-process.
[23] A fol. 85 tal-process.
[24] A fol. 150 sa 152 tal-process.
[25] A fol. 159 tal-process.

m'hijiex timponi tali piena, izda minflok qeghda tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation* sabiex jibqa' jigi segwit u kemm jista' jkun, jigi assikurat illi jibqa' miexi fit-triq li huwa qabad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), il-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Tali piena ta' multa tinkludi wkoll parti mill-piena li l-Qorti qeghda tapplika fir-rigward tat-tieni parti tal-imputazzjoni (a) ossia l-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*.

In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu tal-Ordni jew jekk jonqos li jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Il-Qorti m'hijiex tordna lill-hati jhallas l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li fiz-zmien mertu tal-kaz odjern dan seta' jsir biss fuq talba tal-Prosekuzzjoni, liema talba ma saritx.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokumenti DT 1 u DT 2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat